SANTA LUĊIJA

Minuti

It-Tmien Leġislatura
Laqgħa Msejħa B'Urġenza
Laqgha Numru 26-21

21 ta' April, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fit-3.00 p.m.

PREŻENTI:

Charmaine St John – Sindku

Frederick Cutajar – Viċi Sindku – b'mod virtwali

Terrence Ellul – Kunsillier – b'mod virtwali

Kylie D'Amato - Kunsilliera

Liam Sciberras – Kunsillier - b'mod virtwali

Uffiċjal Preżenti – Doris Baldacchino – Deputat Segretarju Eżekuttiv

Minuti:

Is-Sindku Charmaine St John ippresjediet il-laqgħa

26.1. Qari ta' ittri ta' apoloġiji

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**26.2 Proġett Promenade**

Is-Sindku spjegat li wara l-laqgħa nformali li l-Kunsill kellu s-Sibt ta' qabel, il-Kunsill kien bagħat id-deċiżjoni tiegħu lill-Infrastructure Malta. Is-Sindku spjegat bir-risposta li l-Kunsill kien ħa minn Infrastructure Malta, s-sitwazzjoni issa kienet inbiddlet għaliex il-Kunsill ma kellux l-*man power* sabiex jagħmel dan il-proġett tal-*promenade* fi żmien limitat.

Il-Kunsillier is-Sur Terrence Ellul qal li l-programm tal-Kunsill kien li jagħmel il-proġett tal-*promenade* mhux *traffic management* u għalhekk il-Kunsill kellu biss jiffoka fuq il-kwistjoni tal-*promenade*.

Is-Sindku sostniet li kienet ħadet diversi pariri minn periti professjonali li ma kinux qed jaqblu bid-direzzjoni li l-Kunsill kien qed jieħu. Is-Sindku qalet li l-*way forward* kien li mmorru *green* kif kienu qed jissuġerixxu Infrastructure Malta.

Is-Sindku qalet li anki waqt il-laqgħa li kellha mal-Ministru Dalli ukoll kienu saru diskussjonijiet sabiex il-*promenade* issir *green*.

Il-Viċi Sindku s-Sur Frederick Cutajar qal li jekk il-Kunsill jaċċetta li t-triq issir *one way* din ser tkun qiegħda tiġi kontra d-direzzjoni tal-karozzi tal-linja.

Saru aktar diskussjonijiet pero' s-Sindku kompliet issostni illi ma kinitx taqbel illi l-Kunsill kellu jagħmel il-proġett tal-*promenade* minflok Infrastructure Malta.

Hawn il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill għandu jistabilixxi xi jridu n-nies qabel jiddeċiedi.

Il-Kunsill iddiskuta s-suġġeriment ta' *survey* sabiex nieħdu l-opinjoni tal-pubbliku. Il-Kunsill qabel illi peress li qabel tlett ġimgħat ma setax ikollu *survey* professjonali kien hemm qbil li l-Kunsill jagħmel is-*survey* huwa fejn il-Kunsill kellu jistaqsi x'kienet l-opinjoni tar-residenti sabiex jew nagħmlu *cycling lane* b'riżultat li jkollna *traffic management one way* biex toħroġ barra minn Santa Luċija jew inkella t-*traffic management* jibqa' kollox kif inhu b'*upgrading tal-promenade.*

Is-Sindku Charmaine St John talbet sabiex tigi skużata mil-laqgħa fl-4.05 p.m.

Il-Kunsill qabel li kellhom jiddeċiedu l-mistoqsijiet u jibagħtuhom lis-Sindku għall-approvazzjoni tagħha. Hija ġiet skużata mil-laqgħa.

Il-Vici Sindku presjeda l-laqgħa fl-assensa tas-Sindku.

Il-Kunsill kompla jiddiskuti l-proposti għal mistoqsijiet għas-*survey*. Il-Kunsill qabel li għandna nsaqsu jew li l-andament tat-traffiku tat-triq tibqa' kif inhi jiġifieri 2 *ways* u jsir *upgrade* fil-*promenade* jew inkella li t-triq issir *one way*, l-bankina titwessa' għal tlett metri li ser tkun aċċessibli għaċ-ċiklisti u min ikun qed jimxi.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Kylie D'Amato ġiet skużata mil-laqgħa fil-5:10 p.m.

Il-Kunsilliera preżenti komplew jiddiskutu l-mistoqsijiet tas-*survey*.

Kienu konfermati l-mistoqsijiet għas-*survey* li kellhom jintbagħtu lis-Sindku għall-approvazzjoni tagħha.

**26.3 Tmiem tal-laqgħa**

Il-laqgħa ntemmet fil-5.30 p.m. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis, 29 ta' April, 2021 fil-5:00 p.m.

Konfermati, illum ________________________ta' _____________2021.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Charmaine St John | Doris Baldacchino |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |